# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. B

**Illum 6 ta' Gunju 2018**

Rikors Guramentat Nru. 132 / 15/2RGM

Kawza fil-lista: 3

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi din hija kawza ta' separazzjoni li l-attrici intavolat kontra l-esponent; filwaqt li l-esponent min-naha tieghu intavola wkoll kontra-talba ghas-separazzjoni minn mal-attrici.

Illi l-partijiet ilhom issa mit-13 ta' Jannar 2014 jghixu sesparati taht l-istess saqaf, filwaqt li din il-kawza ilha ghaddejja tlett snin, u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponent ihallas pendente lite manteniment lill-attrici ghall-bzonnijiet tal-ulied skond il-ftehim ta' bejniethom. It-tifla l-kbira tal-partijiet taghlaq 18-il sena fit-12 ta' Jannar 2018, u tahdem full-time.

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B u 66F(1) tal-Kodici Civili sabiex it-talba tal-esponent ghas-separazzjoni maghmula

bil-kontro-talba tieghu f’din il-kawza titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li, ai termini tal-artikotu 66F(1) tal-Kodici Civili, l-ewwel kontro-talba tal-esponent ghall-pronunzjament tal-firda legali bejnu u l-attrici titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat ir-risposta tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti taqbel li l-partijiet ilhom jghixu hajja separata de facto sa mit-13 ta' Jannar 2011; madanakollu ma taqbilx li l-partijiet baqghu jghixu taht l-istess saqaf;

Illi effettivament C B ilu li abbanduna d-dar konjugali sa mit-13 ta' Jannar 2011 u minn dak iz-zmien 'l hawn baqa' qatt ma rega' lura fl-istess fond;

Illi l-esponenti taqbel li bejn il-partijiet m'ghadx hemm possibbilita' ta' rikonciliazzjoni ghalhekk hi m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba odjerna, ossia li t-talba ta' separazzjoni tigi kkonvertita f’talba ta' divorzju;

**DECIDE**

Tilqa’ t-talba kif dedotta.

L-ispejjez ta’ din is-sentenza in parte jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**